MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 1344/1997/1

**Moby Rentals Ltd**

**Vs**

**Raymond Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm796.51,0 (seba mija u sitta u disghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-vettura Maruti Omni, Numru ta’ Registrazzjoni DAB 354, lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata mill-istess socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datati 14 ta’ Jannar 1997 u tal-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru ppresentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet kummercjali

ulterjuri dekorribbli b'effett mit-tnejn (2) ta' Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 2 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li l-konvenut qatt ma nnegozzja ix-xiri ta' Van Maruti mas-socjeta' attrici, kif jirrizulta mill-kuntratt Hire Purchase tal-istess Van Maruti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba fl-avviz in ogni caso, hija ezagerata u fil-fatt jirrizulta mill-konteggi li huwa biss dovut is-somma ta' tlett mija, tmienja u sebghin lira disgha u ghoxrin centezmu maltin (Lm378.92).
3. Illi fi kwalunkwe kaz, kull ammont dovut lis-socjeta' attrici gie pacut ma' sommom ohra dovut mill-istess socjeta' attrici lill-esponenti, kif ser jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza.
4. Illi minghajr meritu ghas-suespost, kwantu ghall-ispejjes tal-proceduri odjerni, l-konvenut ma ghandux jbaghti spejjes zejda ghaliex dawn il-proceduri gew intavolati ghal ammont akbar minn dak li seta kien dovut.

Rat kif ukoll id-dikjarazzjoni annessa a fol 3 tal-istess atti oltre d-dokumenti a fol 4 u 5 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Felix Mifsud</u>, direttur tas-socjeta' attrici (a fol 16 sa 23 tal-atti) spjega li l-istess socjeta' kienet bieghet lill-konvenut in vettura in kwistjoni bil-prezz ta' "…. Lm2933, pero' oltre din is-somma l-konvenut kellu jhallas Lm100 aktar" aovlja qal ukoll li "Il-prezz precis kien bhal dak tal-agenti Gasan" ossija Lm2885 (ara fol 4, 23 u 29 tal-atti).

Wara li spjega li, meta sar dan il-bejgh is-socjeta' attrici kienet ghadha qed tigi fformata u ma kienetx ghadha registrata, il-vettura in kwistjoni effettivament giet registrata fuq isem is-socjeta' attrici meta din giet finalment formata u dan pjenament konsapevoli l-istess konvenut.

Illi l-konvenut beda jaghmel il-pagamenti relattivi permezz ta' 'cheques' fil-bidu mahrugin bhala pagabbli lill-istess xhud u sussegwentement lis-socjeta' attrici (ara fol 20 sa 21 tal-atti). In konnessjoni mal-istess pagamenti gie esebit, mix-xhud, l-'statement' a fol 22 tal-atti minn fejn jirrisulta li mill-prezz imsemmi wara li gie kalkolat l-imghax relattiv u konsiderati l-pagamenti li saru, il-konvenut kien ghadu debitur fis-somma ta' Lm796.51,0.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (a fol 25 sa 38 kif ukoll fol 41 sa 43 tal-atti) ikkonferma li hu kien jhallas, direttament lil Felix Mifsud jew lis-socjeta' attrici jew permezz kemm ta' '<u>cheques</u>' kif muri a fol 5 u 27 tal-atti sew permezz ta' <u>tpacija</u> ('Gieli inpacihom b'xi xoghol') (ara ukoll il-fotokopji ta' 'cheques' minn fol 30 sa 37 tal-atti). A basi tal-kalkoli maghmula mill-istess konvenut, l-ammont dovut minnu kien anqas minn dak pretiz fl-avviz, specifikatament Lm370: Ghalhekk l-ammont kontestat kien jammonta ghal Lm426.51,0

Illi jidher mill-'statement' sottomess mis-socjeta' attrici illi ma tnizzlux zewg pagamenti ta' Lm70 u Lm70.32 b'kollox Lm140.32,0 (ara 'cheques' numru 461 u 642 a fol 32 u 34 tal-atti). Pero l-konvenut 'ex admissis' xehed (fol 42 tal-atti) li kien jkun moruz u tardiv fil-pagamenti mensili anke sa xahrejn wara li jkun dovut. Ghalhekk jidher li s-socjeta' attrici kienet gustifikata li timponi imghax addizzjonali skond il-ligi u skond il-ftehim ta' 'hire-purchase' tenut kont ukoll tal-artikolu 1169 tal-Kodici Civili.

Illi konsegwentement, l-ammont pretiz ghandu jigi mnaqqas ghas-somma ta' <u>Lm556.51</u>.

Ikkunsidrat

Illi inoltre ma tistax tigi accettata l-eccezzjoni ta’ tpacija stante li dan il-kaz ma jinkwadrax ruhhu taht l-artikolu 1197(1) u (2) tal-Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba ‘in parte’ u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ Lm556.51,0 cioe €1296.32 bl-imghax legali mit-2 ta’ Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar 1997 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-3 ta’ Lulju 1997, dawn jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut u kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------